MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 163/2007

**Cosmoline Limited (C10937)**

**vs**

**Paul Sciberras (ID147849M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab hlas ta' mija hames mija u hamsin Lira Maltin (LM550) mill-konvenut bhala bilanc ta' prezz ta' prodotti fuq ordni tieghu stess u kkonsenjati lilu.

Il-konvenut baqa' nadempjenti minkejja li ntbaghtitlu ittra bonarja datata 5 ta' Dicembru, 2006 .

Bl-imghaxijijet dekoribbli mid-data tal-fatturi relattivi indikati fuq il-prosepett anness mat-talba sad-data tal-pagament effttiv bir-rata ta' 8% fis-sena.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ipprezentat kontestwalment ma dan l-Avviz.

Ra mill-atti lli kien hemm possibilita' ta' cessjoni stante pagament minn naha tal-konvenut izda dan ma sehhx.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra lli gie prezentat kapitolu fil-15 ta' Gunju, 2007 mill-Avukat Antoine Naudi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-Kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------